MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Numru 130/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**Jason Scerri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniet migjuba kontra l-imputat, detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 167774 (M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, gewwa Flat 21, Dolmen Court, Triq Ghawdex, San Pawl il-Bahar li huwa propjeta ta' Donna Debono ID 142386 (M) u/jew persuni ohra fit-23 ta' Jannar 2013 ghall-habta tal-10.00hrs, bil-hsieb li jkkommetti serqa kkwalifikata bil-mezz minn gewwa l-imsemmi fond, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegiwt minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu bi ksur tal-Artikolu 41(1)(a) u Artikolu 261 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U iktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament gharraq, hassar u/jew kisser il-bieb ta' barra tal-istess residenza msemmija li jistwa iktar minn 116.47 Euro izda inqas minn 1164.69 Euro ghad-detriment ta' Donna Debono, ID 142386 (M) u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

U iktar talli ta armi, ghodod  jew mezzi ohra li gew uzati fl-ghemil ta' delitt, meta kien jaf li kellhom hekk jigu uzati u xjentement ghen jew assista lil Christian Zarb ID 569585 (M) fl-atti li bih delitt kien gie ppreparat jew kkunsmat u dan bi ksur tal-Artikolu 42(c)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija titratta mal-imputat bhala ricediv u dan wara li nghata diversi sentenzi mill-Qorti ta' malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula - Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghat lill-imputat fl-udjenza tal-lum jammetti l-akkuzi fl-liema ammisjoni insista anke wara li nghata zmien biex jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat tiddikjarah u ssibu hati tal-akkuzi riportati kontra tieghu.

Rat l-Artiklu 41 (1)(a), 261(b), 325(c), 42(c), 49, 50, 289 u 17(h) tal-Kap 9.

Tiddeciedi li tapplika kontra tieghu l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal sena mill-lum u tikkundannah wara li rat l-Artiklu 7 tal-Kap 446 ghal sena mill-lum u tikkundannah wara li rat l-Artikolu 24 tac-citat Kap 446 li jirrifondi l-hsara kkagunata fuq il-bieb tal-fond f'Dolmen Court, Appartament 21 f'Triq Ghawdex San Pawl il-Bahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------